MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI
# (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tas-17 ta' Jannar, 2003

Avviz Numru. 152/2002/1

**Avviz numru 152/02DM**

**Kevin Fenech ghan-nom u in rappresentanza ta' American Trading Agency**

**Vs**

**Pro Line Limited**

Il-Qorti

Rat l-avviz permezz ta' liema l-attur talab il-kundanna tal-kumpanija konvenuta ghal hlas tas-somma ta' elfejn, tmien mija u tmenin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmi (Lm2880.75) rapprezentanti bilanc mhux imhallas skond l-'istatement of account' anness mal-avviz datat 19 ta' Frar 2002 ghall-oggetti mibjugha lis-socjeta konvenuta mill-attur.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra bonarja tat- 28 ta’ Dicembru 2001 u bl-interessi skond il-ligi sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat illi il-konvenuti debitament notifikati ma dehrux biex jikkontestaw it-talba attrici.

Ghaldaqstant wara li l-Qorti rat id-dokumenti esibiti, l-affidavit tal-attur kif ukoll id-deposizzjoni tieghu issib illi talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Il-Qorti qieghdha ghalhekk tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-attur is-somma mitluba ta’ elfejn, tmien mija u tmenin liri Maltin u hamsa u sebghin centezmi (Lm2880.75) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz bl-imghax legali b’effett mill-1 ta’ Frar 2002;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

--------------------------------TMIEM--------------------------------